

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-25 ta' Awwissu 2020 – Frank Recruitment Group Services vs EUIPO – Pearson (PEARSON FRANK)

(Kawża T-735/19)⁽¹⁾

(“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Irtirar tal-applikazzjoni għal regiſtrazzjoni – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni*”)

(2020/C 378/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Frank Recruitment Group Services Ltd (Newcastle upon Tyne, ir-Renju Unit) (rappreżentant: J. Dennis, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Pearson Plc (Londra, ir-Renju Unit)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Awwissu 2019 (Każ R 1884/2018-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Pearson Plc u Frank Recruitment Group Services Ltd.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Frank Recruitment Group Services Ltd u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huma kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ġU C 432, 23.12.2019.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2020 – TrekStor vs EUIPO – Zagg (Koperturi protettivi għall-hardware tal-kompjuter)

(Kawża T-512/20)

(2020/C 378/46)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: TrekStor GmbH (Lorsch, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Speiker, A. Schönfleisch u N. Willich, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Zagg Inc. (Salt Lake City, Utah, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietary information contained herein is the sole property of the owner and is protected by law.
Proprietary information contained herein is the sole property of the owner and is protected by law.

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: disinn tal-Unjoni Nru 1 253 876-0001

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Ġunju 2020 fil-Każ R 294/2019-3

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tordna lill-EUIPO jiddikjara d-disinn ikkontestat invalidu skont l-Artikolu 25(1)(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 25(1)(f) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 6/2002.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2020 – Carpatair vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-522/20)

(2020/C 378/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Carpatair SA (Timiș, ir-Rumanija) (rappreżentanti: J. Rivas Andrés u A. Manzaneque Valverde, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għajjnuna mill-Istat SA.31662 – C/2011 (ex NN/2011) – Implementati mir-Rumanija għall-Ajrūport Internazzjonali ta' Timișoara – Wizz Air;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest ta' liġi fid-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda n-natura selettiva tal-Publikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIP) tal-2010.
 - Kif irrikonoxxut mill-qrat Rumeni, ir-roħs inkluż fl-AIP tal-2010 jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat favur Wizz Air fl-ajrūport ta' Timișoara.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti u fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-konklużjoni li l-arranġamenti bejn l-operatur tal-ajrūport u Wizz Air ma tawx vantaġġ indebitu lil din tal-aħħar.
 - L-ewwel nett, l-agħiż tal-operatur tal-ajrūport ma kienx paragunabbli għal dak ta' operatur privat f'ekonomija tas-suq. It-tieni nett, il-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat l-arranġamenti bħala fatti iżolati u ma ġadid inkunsiderazzjoni elementi ta' rilevanza kruċjali għat-Test tal-Operatur f'Ekonomija tas-Suq (Test tal-OES). Żviluppi prevedibbli fiż-żmien tal-konklużjoni tal-arranġamenti wasslu għar-riżultat li dawn ma kinux profitabbi għall-operatur tal-ajrūport fuq perijodu ta' żmien medju u twil.